MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta tas-17 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1990/2003

**Peter Briffa**

**Vs**

**Jesmond Grech**

**It-Tribunal,**

**Ra l-Avviz, fl-ismijiet premessi prezentat fit-3 ta' Ottubru, 2003 fejn l-attur talab lill-konvenut ihallas l-ammont dovut ta' Lm745 (sebgha mija u hamsa u erbghin lira maltin) bhala hlas fuq self.**

**Illi fit-23 ta' Marzu, 2002 l-attur kien sellef l-ammont lill-konvenut ta' elf lira maltin (Lm1,000);**

**Illi sal-lum il-konvenut hallas biss l-ammont ta' mitejn u hamsa u hamsin lira maltin (Lm255).**

**Illi minkejja li kien interpellat diversi drabi, l-konvenut baqa' inadempjenti.**

**Ghalhekk l-attur qieghed jitlob li din il-Qorti taqta' u tiddeciedi sabiex il-konvenut jigi kkundannat ihallas l-ammont ta' sebgha mija u hamsa u erbghin lira maltin (Lm745) li huwa l-bilanc dovut lill-attur, bl-ispejjes kontra l-konvenut li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni.**

**Ra n-nota ta' ammissjoni pprezentata llum.**

**Jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici bl-ispejjes u interessi kif mitluba.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------